


Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa:

Il-Gwidi Tagħna - ħarsa fuq fuq



Conference
on the Future
of Europe



DWAR IL-KONFERENZA DWAR IL-ĠEJJINI TAL-EWROPA

Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa tagħti liċ-ċittadini Ewropej pjattaforma biex **jiddiskutu u jikkontribwixxu** għad-dibattitu dwar il-**ġejjieni tal-Ewropa**. Tista' tipparteċipa bi tliet modi: taqsam l-ideat tiegħek, tattendi avveniment ħdejk jew online, jew torganizza l-avveniment tiegħek personalment u/jew online bħala parti mill-Konferenza. L-informazzjoni kollha li għandek bżonn, inkluż bosta gwidi, tista' tinstab bil-lingwa tiegħek fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi tal-Konferenza: futurEU.europa.eu.

Din hija ħarsa ġenerali ta' malajr biex tgħinek **tibda torganizza l-avveniment parteċipattiv tiegħek**.

GĦANIJIET TAL-AVVENIMENT

- Ippermetti **konverżazzjonijiet kostruttivi relatati mal-ġejjieni tal-Ewropa**
- Iffoka fuq **ideat u soluzzjonijiet għal problemi**
- Żviluppa **ideat kollettivi** fi gruppi
- Ibni kunsens dwar ideat u **agħti s-setgħa lin-nies** biex jaqsmu
- **Irrapporta** fuq il-pjattaforma tal-Konferenza **b'mod ċar, rappreżentattiv u onest**

Post

Personalment u/jew online, skont is-sitwazzjoni lokali tiegħek

Qabel l-avveniment

- **Irreġistra fuq il-pjattaforma tal-Konferenza**


Mur fuq futurEU.europa.eu u **żid l-avveniment tiegħek fuq il-mappa**.

Segwi l-[gwida](#) dettaljata tagħna jekk għandek bżonn għajnuna biex tagħmel dan.

- **Ikkomunika man-nies ta' madwarek dwar l-avveniment tiegħek u l-Konferenza.**

Stieden ħbieb u ġirien; **ilħaq** gruppi u istituzzjonijiet lokali, udjenzi fil-mira jew lill-pubbliku usa'. Xerred il-kelma fuq il-**midja soċjali** permezz tal-hashtag tal-Konferenza **#TheFutureIsYours**

[Aqra l-pariri tagħna biex tilħaq aktar nies!](#)



Għażel format

Biex tagħmel l-avveniment tiegħek kemm jista' jkun parteċipattiv, nirrakkomandaw li tagħżel format b'**ħafna spazju għal diskussjonijiet u kontribuzzjonijiet mill-parteeċipanti**. Sib suġġerimenti fil-[gwida](#) ddedikata tagħna.

Ipprepara l-ispazju (diġitali)


Jekk l-avveniment huwa personalment, irranġa l-imwejjed u s-siġġijiet b'mod li jinkoraġġixxi l-parteeċipazzjoni (ċirku/ċrieki, ebda palk, eċċ.) u kun żgur li jkollok bords biex turi l-ideat.

Jekk l-avveniment huwa diġitali, kun żgur li hemm mezz għal mistoqsijiet u appoġġ tekniku. Kmamar separati huma utli għal diskussjonijiet fi gruppi iżgħar.

Ipprepara t-tim

Minbarra persuna biex **tieħu n-noti** u xi ħadd biex **iżomm rekord taċ-chat** (jekk diġitali), ara li jkollok **interpreti** preżenti jekk hemm kwistjonijiet lingwistiċi potenzjali.

Ipprova aħtar kemm president tas-sessjoni kif ukoll moderatur. Waqt diskussjonijiet fi gruppi, nirrakkomandaw li jkollok **moderatur wieħed għal kull grupp**.



Matul l-avveniment

Introduċi

Meta jibda l-avveniment, spjega lill-parteciċipanti:

- L-għanijiet tal-Konferenza.
- Ir-**regoli tal-avveniment** ([ara l-Karta](#)) u l-metodu magħżul biex torganizza d-dibattitu.
- Kif id-diskussjonijiet tal-avveniment se jgħinu fuq livell Ewropew.

Itlob **kunsens** bil-miktub jekk jittieħdu ritratti jew vidjows, u informa lill-parteciċipanti minn qabel li dawn jistgħu jergħu jintużaw għall-iskopijiet tal-Konferenza.

Suġġerimenti għall-moderaturi

- Kun ċert li **kulħadd ikollu ċans jitellem**
- Jekk meħtieġ, għin lill-parteciċipanti jiżviluppaw il-punti tagħhom billi **tuża mistoqsijiet sempliċi ta' segwitu**
- **Terġax tinterpreta** x'jgħidu n-nies. Jekk ikollok dubju, staqsihom xi jridu jfissru.
- **Inkoraġġixxi diskussjonijiet ibbażati fuq il-fatti.** Jekk hemm nuqqas ta' qbil, stieden lill-parteciċipanti jużaw l-iskedi informattivi diversi jew jitolbu lill-esperti preżenti fil-kamra biex jipprovdu sorsi varji u oġġettivi ta' informazzjoni.

Garanti

Toqgħodx lura milli titlob lill-parteciċipanti għall-għajnuna fit-teħid tan-noti u r-rappurtar. Tista' pereżempju tistieden żewġ parteciċipanti biex jagħmlu qari tal-provi tas-sommarju tar-riżultati u l-proposti tal-avveniment.



Wara l-avveniment

Irrapporta fuq il-pjattaforma tal-Konferenza

Mur lura fil-pjattaforma u rrapporta dwar l-avveniment tiegħek billi żżid:

- sommarju bil-miktub
- il-proposti li l-parteċipanti qablu li jissottomettu

Tista' ssib gwida dettaljata dwar kif tagħmel dan fuq il-paġna tas-sett tal-għodda tal-pjattaforma.

Aqsam il-punti ewlenin tiegħek

Aqsam il-punti ewlenin tiegħek tal-avveniment permezz tal-midja soċjali bil-hashtag #TheFutureIsYours

Aqra iktar

Nittamaw li dawn ir-rakkomandazzjonijiet inizzjali se jkunu utli. Għandek issib ħafna pariri utli oħra u gwidi fuq il-paġna tas-sett tal-għodda tal-pjattaforma fuq futurEU.europa.eu.

Qed nistennew bil-ħerqa biex naraw l-avveniment(i) tal-għażeb li ser torganizza!

Jekk tixtieq aktar għajjnuna fl-organizzazzjoni tal-avveniment tiegħek, tista' tikkuntattja:

- **Iċ-Ċentru ta' Informazzjoni ta' Europee lokali tiegħek.**
- **L-uffiċċji nazzjonali tal-Istituzzjonijiet tal-UE ([L-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew](#) u [Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea](#)).**